MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 339/2004

**Avviz numru 339/04DM**

**M. Demajo & Company Limited (C2523)**

**Vs**

**Steve's Car Hire Ltd (C14615)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta, sabiex thallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u hamsa u tletin liri Maltin u tlett centezmi (Lm2,635.03), rapprezentanti prezz ta' muturi lilhom mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali datati 3 ta' Ottubru, 2002, u 14 ta' Marzu, 2003, u ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Mejju, 2004, u tal-mandat ta' Sekwestru pprezentat fl-10 ta' Gunju, 2004, u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra

ufficjali u cioe' mit-3 ta' Mejju, 2004, sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Gaetano Cordina rapprezentant tal-kumpanija attrici u rat id-dokument minnu esebit, issib illi talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, sitt mija u hamsa u tletin liri Maltin u tlett centezmi (Lm2,635.03), bl-imghax legali b'effett mit-3 ta' Mejju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------